DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 44/2010

tat-30 ta' April 2010

li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekomika Ewropea, kif emendat permezz tal-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness II tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 97/2008 tas-26 ta' Settembru 2008 ([1]).

(2) Id-Direttiva 2009/64/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar is-soppressjoni tal-interferenza tar-radju prodotta minn tratturi agrikoli u għall-foresterija (kompatibbiltà elettromanjetika) ([2]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(3) Id-Direttiva 2009/64/KE tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 75/322/KEE ([3]) li hi inkorporata mal-Ftehim u li konsegwentement għandha titħassar skont il-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Kapitolu II tal-Anness II għall-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

(1) It-test tal-punt 7 (id-Direttiva tal-Kunsill 75/322/KEE) għandu jitħassar.

(2) Il-punti li ġejjin għandhom jiddaħħlu wara l-punt 30 (id-Direttiva 2008/2/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill):

"31. **32009 L 0064**: Id-Direttiva 2009/64/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar is-soppressjoni tal-interferenza tar-radju prodotta minn tratturi agrikoli u għall-foresterija (kompatibbiltà elettromanjetika) (ĠU L 216, 20.8.2009, p. 1).

Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom, għarraġunijiet ta' dan il-ftehim, jinqraw bl-adattament li ġej:

Fit-tieni paragrafu tal-Punt 5.2 tal-Anness I, dan li ġej għandu jiġi miżjud:

'IS għall-Islanda FL għall-Lichtenstein 16 għan-Norveġja'."

Artikolu 2

It-testi tad-Direttiva 2009/64/KE li għandhom jiġu ppubblikati fl-ilsien Islandiż u dak Norveġiż, fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2010 sakemm in-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' April 2010.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Alan SEATTER

([1]) ĠU L 309, 20.11.2008, p. 17.
([2]) ĠU L 216, 20.8.2009, p. 1.
([3]) ĠU L 147, 9.6.1975, p. 28.

(*) M'huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.